**QORTI TAL-APPELL**
**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**Seduta, l-Erbgha, 18 ta' Mejju 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 207/2019**

**Avukat Joseph Brincat**

**Vs**

**Saviour Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr Joseph Brincat tal-25 ta' Ottubru 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-27 ta' Settembru 2021 u minflok tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-ordni wkoll tal-publikazzjoni tas-sunt tas-sentenza;

Rat illi minkejja li l-appellat Saviour Balzan ġie debitament notifikat bir-rikors tal-appell fid-29 ta' Ottubru 2021, huwa baqa' ma intavola l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawża u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru 2021 fejn dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi kollha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hija azzjoni ta' libell magħmula taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). L-attur ħassu aggravat b'silta mill-artikolu ppubblikat mill-konvenut fuq is-sit elettroniku ta' Maltatoday fit-23 ta' Settembru 2019, intestat 'The wrong fight on

good governance' u kif jirriżulta indikat fir-Rikors promotur, qiegħed jimpunja speċifikatament l-allegazzjoni li saret fl-artikolu illi huwa kien "inħeles minn inkjesta b'xi favur meta fil-fatt kien ġie liberat kompletament għax ma kien ġie kommess lebda reat".

Huwa minnu illi fix-xhieda tiegħu l-attur jiddikjara li jħossu aggravat bil-fatt illi l-konvenut jattakkah kif ukoll, inspjegabbilment, jiddefendi bi patroċinju gratuwitu lill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), Joseph Cuschieri, in konnessjoni mal-fatt illi l-istess attur kien interpellah ġudizzjarjament dwar deċiżjoni li fil-fehma tiegħu kienet tmur kontra l-governanza tajba. Iżda l-allegat malafama l-attur jidentifikah espressament fl-istess Affidavit f'"dik il-parti fejn jgħid li mnalla kien Dr Guido DeMarco li rranġa ma' ħbieb tiegħu ġewwa l-Italja u ffrankali għax kieku min jaf x'xebgħa ħabs kont niekol", u dan għaliex, skont l-istess attur, "minn dak kollu li hemm miktub mill-konvenut Saviour Balzan ma jeżistix filfatt."

Għall-Qorti dan ifisser huwa ovvju illi l-parti tal-pubblikazzjoni li qed tiġi impunjata mill-attur hija evidentement, is-segwenti, cioe' s-silta li tikkonċerna l-ħelsien tal-attur mill-arrest tiegħu ġewwa l-Italja:-

"He should not forget that Brincat had been arrested in Italy and accused of aiding and abetting a client involved in the trade of valuables : had it not been for the late Guido de Marco (father of Mario) – who was PN justice minister at the time and enjoyed cosy relations with his Italian counterpart – Brincat may have well spent years behind bars. It was a riveting story that made the front-page of defunct newspaper Alternattiva, alas not one to have reached the internet years, but anyone interested in receiving a copy can send me an email."

B'hekk hija sorvolata l-ewwel eċezzjoni tal-konvenut u l-Qorti sejra għalhekk tillimita l-istħarriġ tagħha għall-parametri ta' din is-silta u l-imputazzjonijiet imnisslin minnha u abbażi ta' dak li jirriżulta mill-atti li huwa relevanti ghall-mertu tal-kawża.

Ikkunsidrat;
Il-Qorti qrat l-artikolu impunjat. Jirriżulta illi l-konvenut, f'dan l-artikolu, esprima l-fehmiet tiegħu dwar dak li kien stqarr il-Kap tal-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien, Dr. Adrian Delia, waqt li kien qed jintervistah ftit tal-ġranet qabel. Hu evidenti li s-silta kontenenti d-dikjarazzjoni impunjata mill-attur, ġiet ipprovokata jew tal-anqas segwiet l-approvazzjoni li esprima Dr. Adrian Delia, tal-pożizzjoni meħuda mill-attur, li huwa wieħed mill-gvernaturi tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MFSA, kontra l-pagament kontroversjali ta' ammont sostanzjali ta' flus taħt skema volontarja tal-irtirar fi ħdan l-istess Awtorita'. Fl-artikolu jingħad illi l-attur kien interpella ġudizzjarjament lil Joseph Cuschieri, Kap Eżekuttiv tal-MFSA dak iż-żmien, kontra n-nuqqas ta' governanza tajba f'din il-materja u l-Kap tal-Opposizzjoni, waqt l-intervista, faħħar dan l-attakk tal-attur kontra din il-manifestazzjoni ta' nuqqas ta' governanza tajba da parti tal-Gvern u l-entitajiet tiegħu.

Iżda l-konvenut fl-artikolu tiegħu, jikkritika lill-Kap tal-Oppożizzjoni talli assoċja ruħu mal-attur fuq materja ta' nuqqas ta' governanza tajba u għadda biex jissostanzja din il-kritika b'referenza għall-episodju meta l-attur kien ġie arrestat ġewwa l-Italja diversi snin qabel fuq akkużi ta' kompliċita' f'reati kriminali: skont il-konvenut, l-attur seta' faċilment għamel żmien twil maqful il-ħabs ġewwa l-Italja kieku mhux għall-intervent tal-Ministru tal-Ġustizzja dak iż-żmien Dr. Guido de Marco. Il-konvenut kompla jissostanzja l-istqarrija tiegħu billi ddikjara li l-episodju tal-arrest tal-attur in konnessjoni mal-imsemmija akkużi kriminali, kien ġie dak iż-żmien rapportat bi prominenza f'waħda mill-ħarġiet tal-gazzetta Alternattiva u billi dik il-gazzetta ma

kienetx faċilment aċċessibbli, huwa offra li jipprovdi kopja tal-artikolu relevanti lil dawk il-qarrejja li jkunu interessati.

Ikkunsidrat;
L-attur ħassu aggravat għaliex isostni li l-allegazzjoni magħmula mill-konvenut li mingħajr l-intervent ta' Guido de Marco, huwa kien x'aktarx iqatta' diversi snin il-ħabs, hi nieqsa kompletament minn bażi fattwali u hu inveritiera. Kemm hu hekk, jiddikjara li huwa kien ġie meħlus minn kull ħtija kriminali dwar il-fatti marbutin mal-arrest tiegħu ġewwa l-Italja mingħajr u dan ma sar l-ebda intervent politiku.

M'huwiex kontestat u fi kwalsiasi każ, huwa stabbilit mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem - esebita mill-attur innifsu mar-Rikors promotur - li fl-1987 huwa kien arrestat ġewwa l-Italja u kien miżmum taħt detenzjoni fuq perijodu ta' diversi ġimgħat ġewwa l-ħabsijiet ta' Lagonegro u ta' Cosenza, b'rabta ma' reati kriminali konnessi mas-sejba inter alia ta' flus provenjenti minn pagament għall-ħtif ta' persuna u mal-kuntrabandu ta' oġġetti prezzjużi. Dawn l-oġġetti kienu instabu fil-pussess ta' Mary Rose Shires Bonello, li kienet tiġi mart klient tal-istess attur, ċertu Colin Shires, u dan fil-waqt li huwa kien qed jakkumpanjaha ġewwa l-Italja. Minn eżami ta' din is-sentenza, jirriżulta illi:-
- fil-mori tal-proċeduri kriminali kontra l-attur ġewwa l-Italja, speċifikatament fl-1992, kien ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem li l-arrest u d-detenzjoni kontinwata tal-attur kienu leżivi għall-jedd tiegħu taħt l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja;
- permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro, l-attur kien inħeles mill-akkużi ta' riċettazzjoni;
- sussegwentement, tressqu akkużi ġodda kontra l-attur dwar kompliċita' fit-twettiq ta' reat ta' kuntrabandu u nstab ħati ta' dan ir-reat mill-Qorti talMaġistrati ta' Scalea fis-17 ta' Frar 1989;
- permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro fid-19 ta' Ottubru 1994 fuq appell interpost mill-attur stess, ġie deċiż finalment illi l-attur ma kien wettaq l-ebda att ta' kuntrabandu u kwindi ma kien ġie kommess lebda reat kriminali u dan minkejja illi sadanittant kien intlaħaq ftehim fuq livell amministrattiv bejn l-istess attur u d-Dipartiment tad-Dwana Taljan.

Fix-xhieda tiegħu l-attur jirrikonoxxi illi effettivament, dak iż-żmien meta kien detenut ġewwa l-Italja, ħarġet xnigħa li peress li Dr Guido de Marco u Dr. Vincent Tabone kienu telgħu l-Italja meta kien arrestat u detenut fil-ħabs hemmhekk, kienu "irranġawlu" u kien b'hekk li seta' jiġi lura Malta. Huwa jiċħad li kien hemm intervent minn xi ħadd b'rabta mal-proċeduri kriminali kontrih quddiem il-qrati Taljani, u jisħaq illi effettivament dawn il-proċeduri damu jinsemgħu fuq medda ta' diversi snin biss għaliex il-Prosekutur kellu s-setgħa li jibdel l-akkużi u joħroġ akkużi ġodda, kif effettivament kien għamel fil-każ tiegħu. Fi kliem l-attur stess, dan il-fatt waħdu jikkostitwixxi prova biżżejjed li "ma kien hemm l-ebda indħil jew inġerenza ta' xi ħadd minn Malta jew minn x'imkien biex lili jagħlquli l-kas." Żied jgħid illi wara studju intensiv min-naħa tiegħu tal-liġi penali Taljana, irnexxielu jfassal huwa stess ir-rikors ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro mis-sentenza li kienet sabitu ħati tar-reat ta' kuntrabandu, liema appell mhux biss ġie milqugħ bis-saħħa esklussiva tiegħu iżda baqa' ma ġiex kontestat mill-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. L-attur qal ukoll illi huwa baqa' jissielet waħdu għal seba' snin sħaħ sakemm il-proċeduri kriminali kontrih ingħalqu definittivament – fatt li hu affermat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja addottata fl-4 ta' Marzu 1998 li sabet leżjoni tad-dritt tiegħu sanċit taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

L-attur isostni li l-malafama li saritlu bl-artikolu tal-konvenut hija gravi u huwa wkoll ovvju li l-konvenut ried jattakkah personalment biex jiddefendi l-pożizzjoni ta'

Joseph Cuschieri kontra l-kritika pubblika li għamillu b'rabta mal-golden handshake kontroversjali li kien ippjanat li jseħħ bi ksur tal-liġi. Jisħaq li l-artiklu kien intiż biex iħammiġlu r-reputazzjoni, għaliex minkejja illi kien ġie deċiż finalment mill-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro illi huwa ma kien wettaq l-ebda reat kriminali kwalsiasi, il-konvenut stieden lill-pubbliku jitolbuh kopja tal-artikolu li kien ġie rapportat fil-gazzetta 'Alternattiva' dwar is-sentenza tal-Qorti ta' Scalea mogħtija fi Frar 1989 fiż-żmien meta l-appell tiegħu kien għadu mhux deċiż. L-attur qal ukoll illi minkejja li huwa kien bagħat lill-konvenut fuq is-sit elettroniku ta' Maltatoday, link ghad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea li tafferma d-deċizjoni finali tal-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro li ma kien ġie kommess l-ebda reat minnu, il-konvenut baqa' ma għamel l-ebda korrezzjoni jew aġġornament lill-artikolu impunjat li baqa' jidher fuq is-sit elettroniku fil-verżjoni oriġinali tiegħu.

L-attur isostni li s-serjeta' tal-malafama tinsab ukoll fl-imputazzjoni ċara li huwa kkommetta reat kriminali li huwa punibbli b'diversi snin priġunerija, liema imputazzjoni li tfisser li huwa mhux persuna affidabbli.

Ikkunsidrat;
Illi dak li jrid jiġi stabbilit qabel xejn huwa jekk l-istqarrijiet impunjati mill-attur kif identifikati minnu, humiex kapaċi li jitqiesu bhala diffamatorji għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Din id-dispożizzjoni tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Dan ir-rekwiżit tas-serjeta` tal-ħsara lir-reputazzjoni, jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi threshold ferm iktar oneruż u impenjattiv ghas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa . Peress illi dan il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-istharriġ li għandu jsir taħt l-Artikolu 3(4) għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att, anke mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtieġa li titressaq eccezzjoni ad hoc fir-rigward.

Il-Gatley, fil-kummenti tieghu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK, jgħid illi t-tendenza li l-imputazzjoni tinċidi negattivament, anke jekk b'mod sostanzjali, fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-ligi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk.

Effettivament, taht id-Defamation Act (UK) 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li effettivament, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bhala diffamatorja, għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-kaz partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata tolqot ħazin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni oħrajn fil-konfront tas-soġġett tal-malafama, b'mod li tikkaġuna jew hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja.

Skont il-Gatley:-

"… whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before."

Ikkunsidrat;
L-attur jikkontendi illi l-artikolu tal-konvenut inissel imputazzjoni li huwa kkommetta reat kriminali li huwa punibbli b'diversi snin priġunerija, u kieku ma kienx għal intervent politiku li sar, huwa kien ikollu effettivament iservi sentenza ta' diversi snin ħabs. Skont l-attur, l-imputazzjoni ulterjuri hi li huwa mhux persuna affidabbli.

Il-Qorti tqis illi jekk l-imputazzjoni hi dik li fisser l-attur, il-pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet bħal dawn huma kapaċi jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Effettivament, hu aċċettat b'mod ġenerali fil-gurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa certu grad, f'attivita` jew att kriminali, hija kkunsidrata bħala diffamatorja.

In propositu inghad:-

"Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive … or incompetent or otherwise unfit for some role."

Għalhekk, l-imputazzjoni li l-attur kien involut f'attivita' kriminali tant li kien ġie arrestat b'rabta mal-kommissjoni ta' reati kriminali, hi kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur multo magis meta l-attur huwa avukat magħruf u rispettat li ilu jipprattika l-professjoni ta' avukat quddiem il-Qrati lokali għal għexieren ta' snin.

Ikkunsidrat;
Iżda fil-każ in diżamina, għalkemm kif ingħad huwa ritenut illi b'mod ġenerali, l-imputazzjoni li persuna kienet involuta f'attivita' kriminali tissodisfa l-kriterju ta' ħsara serja, il-Qorti wara li qrat il-silta impunjata, ma taqbilx li l-imputazzjoni li effettivament tinsilet mill-istqarrija impunjata, hija dik li fisser l-attur, ċioe' li huwa kkommetta reat kriminali u ma ntbagħatx diversi snin priġunerija biss minħabba l-intervent politiku.

Fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni li hija diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, dak li għandu jigi stabbilit hu jekk persuna ordinarja u raġjonevoli ("an ordinary, reasonable person") tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-prinċipji applikabbli għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal limputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni ċelebri Jeynes v News Magazines Ltd elenka s-segwenti:-

"(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available … (4) the intention of the publisher is irrelevant…"

F'kull kaz huwa mħolli lill-ġudikant biex jiddetermina jekk il-kliem użat huwiex kapaċi, raġjonevolment, illi jwassal it-tifsira vantat mill-attur u jekk, f'każ affermattiv, dik it-tifsira hijiex kapaċi li titqies skont il-liġi bhala diffamatorja. F'kaz fejn il-kliem

użat fid-dikjarazzjoni impunjata jista' jagħti lok għall-interpretazzjoni li qed issir imputazzjoni fil-konfront tal-persuna malafamata, jingħad illi:-

"… the question will be whether it is reasonably capable of conveying that imputation. Logically anterior, therefore, to the question of whether the words are capable of being defamatory in law, is the question of what meaning the word or words are reasonably capable of bearing." [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis ukoll illi mhux meħtieġ li l-imputazzjoni tkun neċessarjament waħda espressa jew diretta: implikazzjoni ta' imputazzjoni hija biżżejjed purche` din tinftiehem mill-qarrej ipotetiku ordinarju fil-qafas ta' dak li hu raġjonevoli u taċċirkostanzi li fihom tkun saret il-pubblikazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li ssir riċerka jew referenza għal xi fatti li ma jirriżultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti, mingħajr sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni u mingħajr ħtieġa ta' xi għarfien speċjali.

Illi fil-każ li għandha quddiem il-Qorti jirriżulta li huwa fatt illi l-attur inħeles mill-arrest u rritorna lura Malta u illi diversi snin wara, kif diġa' ġie stabbilit, l-arrest tiegħu kien ġie pronunzjat bħala leżiv tad-dritt fondamentali protett bl-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Mill-provi akkwiżiti fl-atti, jirriżulta wkoll illi l-attur eventwalment inħeles mill-akkużi kollha li nġiebu kontrih matul il-proċess penali quddiem il-Qrati Taljani permezz ta' sentenza mogħtija fil-5 ta' Awwissu 1994 millQorti tal-Appell ta' Catanzaro, seba' snin sħaħ wara li kien ġie arrestat oriġinjarjament f'Novembru 1987. Iżda dan kollu ma jibdel u ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-attur kien ġie effettivament arrestat ġewwa l-Italja fuq suspett li kkommetta reat kriminali u dam diversi ġimgħat detenut fil-ħabs hemmhekk.

Il-Qorti tosserva illi kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni l-attur, il-konvenut imkien ma qal fl-artikolu impunjat illi l-attur kien effettivament wettaq ir-reati li kien ġie akkużat bihom matul il-proċess kriminali, jew li kellu jinsab ħati u jiġi kkundannat fil-proċeduri kriminali u illi mingħajr l-intervent politiku ta' Dr. Guido de Marco kien ikollu jiskonta xi piena karċerarja ta' diversi snin. Minflok, minn qari oġġettiv tas-silta relevanti tal-artikolu, kif fuq riprodotta, il-Qorti fehmet illi l-attur kien arrestat ġewwa l-Italja fuq akkuża ta' involviment fit-twettiq ta' reat kriminali bil-prospett li jqatta' diversi snin il-ħabs, liema prospett ma mmaterjalizzax minħabba intervent politiku li kien sar mill-Ministru tal-Ġustizzja malawtoritajiet Taljani.

Imkien ma jintqal fl-artikolu illi l-attur instab ħati li wettaq dak ir-reat; lanqas ma ntqal illi huwa kien effettivament ikkommetta r-reat u l-każ kontrih ingħalaq minħabba intervent politiku: għall-kuntrarju, l-implikazzjoni ċara magħmula fl-artikolu hi li l-attur, akkużat b'reat kriminali, seta' qatta' snin il-ħabs jekk ma kienx intervjena fil-każ tal-Ministru Guido de Marco. Il-Qorti tqis li l-istqarrija tal-konvenut illi l-attur arrestat ma nżammx il-ħabs ġewwa l-Italja minħabba intervent politiku, filwaqt li timputa li l-attur kien effettivament arrestat b'rabta mal-kommissjoni ta' reat kriminali, m'hijiex qiegħda timputa wkoll ħtija lill-attur għall-kommissjoni ta' dan ir-reat kriminali.

Fir-rigward għandu jingħad illi l-qarrej ordinarju u raġjonevoli għandu jitqies li huwa ben konxju tal-prinċipju ġenerali li persuna li tkun akkużata li wettqet reat kriminali, hija preżunta innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat il-ħtija tagħha. Għalkemm inevitabbilment il-qarrej sejjer iqis lill-persuna aggravata b'suspett, dan fih innifsu ma jiġġustifikax il-konklużjoni li bir-rapportaġġ tal-fatt tal-arrest tal-persuna u tal-akkużi addebitati, il-ġornalist ikun qed iwassal imputazzjoni li l-persuna aggravata hija, jew kellha tinsab, ħatja tal-akkużi. Għandu jkun hemm distinzjoni bejn dak li jkun fehem il-qarrej raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja mill-artikolu impunjat, u

dawk il-konklużjonijiet li jista' jasal għalihom abbażi tal-fehmiet u preġudizzji personali tiegħu. Ġie ritenut ukoll:-

"It is one thing to say that a statement is capable of bearing an imputation defamaory of the plaintiff because the ordinary reasonable reader would understand it in that sense, drawing on his own knowledge and experience of human affairs on order to reach that result. It is quite another thing to say that a statement is capable of bearing such an imputation merely because it excites in some readers a belief or prejudice from which they proceed to arrive at a conclusion unfavourable to the plaintiff."

Collins, jagħmel referenza ghad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Awstralja fil-każ Favell v. Queensland Newspapers Pty. Ltd fejn intqal:- "A mere statement that a person is under investigation, or that a person has been charged, may not be enough to impute guilt. If, however, it is accompanied by an account of the suspicious circumstances that have aroused the interest of the authorities, and that points towards a likelihood of guilt, then the position may be otherwise."

Il-Qorti tosserva illi fl-artikolu impunjat, il-konvenut ma tax rendikont tal-fatti tal-kaz, lil hin mill-fatt tal-arrest u l-akkużi, ħlief billi għamel referenza għall-artikolu ppubblikat minn 'Alternattiva' fil-5 ta' Awwissu 1989. Dan l-artikolu, għalkemm jirrapporta l-isfond kollu tal-episodju li wassal għall-arrest tal-attur u l-akkużi miġjuba kontrih quddiem il-Qrati Taljani u jidħol f'ċertu dettall dwar il-movimenti tal-attur meta tela' l-Italja ma' mart il-klient tiegħu biex jiġu rkuprati l-oġġetti mill-vettura talklient tiegħu, ma ġiex ippubblikat bħala parti mill-artikolu u lanqas ġie provdut aċċess dirett għalih mill-pubblikazzjoni impunjata.

Din il-materja ġiet trattata fid-decizjoni Flood v. Times Newspapers Ltd, fejn kien gie rapportat illi l-persuna aggravata kienet investigata b'rabta ma reati ta' korruzzjoni iżda wara diversi xhur mill-pubblikazzjoni, il-persuna ġiet eżonerata minn kull involviment fir-reati soġġetti ghall-investigazzjoni. Ġie ritenut illi peress li l-artikolu kien għamel referenza mhux biss għall-fatt tal-investigazzjoni iżda wkoll għal allegazzjonijiet speċifiċi li kienu fil-mira tal-investigazzjoni u tal-evidenza miġbura, l-artikolu originali kien kapaci li jitqies bhala diffamatorju.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżulta xejn minn dan. Effettivament, fis-silta impunjata mill-attur f'din il-kawża, il-konvenut ma jagħmel ebda referenza għaċ-ċirkostanzi wasslu għall-arrest tal-attur ġewwa l-Italja, għajr għar-reat li ġie arrestat dwaru (kompliċita' fil-kuntrabandu ta' oġġetti prezzjużi) u ma sar l-ebda dikjarazzjoni dwar allegazzjonijiet konċernanti speċifikatament l-involviment tal-attur f'dak ir-reat. L-istqarrija tal-konvenut hija ċirkoskritta għall-fatt li l-attur kien arrestat u akkużat fuq kompliċita' fil-kuntrabandu ta' oġġetti prezzjużi, mingħajr ma saret l-ebda referenza, wisq inqas narrazzjoni dwar xi allegazzjonijiet fattwali speċifiċi b'rabta mal-kondotta tal-attur fir-rigward.

Kwantu għall-pubblikazzjoni o meno tal-artikolu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta 'Alternattiva', u li għamel referenza għalih il-konvenut fil-pubblikazzjoni in diżamina, il-Qorti tirribadixxi li ma taqbilx li dan jista' jitqies li huwa pubblikat għall-finijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 579, "pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati. Issa fil-każ tal-lum ma jirriżultax - u ma nġiebet l-ebda prova - illi effettivament dan l-artikolu ġie pubblikat mill-konvenut bħala parti jew b'rabta mal-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, ċioe' l-artikolu tat-23 ta' Settembru 2019 intestat "The wrong fight on good governance". Dan mhux każ fejn il-konvenut

ippubblika fil-korp tal-artikolu tiegħu, l-artikolu tal-5 ta' Awwissu 1989 jew xi siltiet minnu, jew ipprovda aċċess għalih permezz, per eżempju, ta' hyperlink. Huwa wkoll evidenti li bl-azzjoni odjerna mhux qed jiġi impunjat l-artikolu datat 5 ta' Awwissu 1989 iżda qed jiġi impunjat ir-referenza li saret lil dak l-artikolu.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-konvenut, fl-artikolu tiegħu, ma għamel l-ebda aċċenn għall-ħtija tal-attur permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' Cosenza u effettivament, lanqas irrefera għas-sentenza nnifisha iżda biss għall-fatt li l-istorja tal-arrest tal-attur u l-akkużi li kienu nġiebu kontrih dwar allegat kompliċita' f'reat kriminali, kienet ta' interess kbir. Għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi li teżisti awtorita' li tirritjeni li l-atti li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni ta' materjal diffamatorju, jistgħu skont iċ-ċirkostanzi partikolari, jammontaw għal pubblikazzjoni, f'dan il-każ il-konvenut ma għamel ebda att ta' komunikazzjoni tal-kontenut tal-artikolu ppubblikat fl-Alternattiva li għamel referenza għalih fil-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża. Lanqas ma nġiebet xi prova illi l-konvenut effettivament ipprovda aċċess lil xi terza persuna għall-artikolu tal-gazzetta 'Alternattiva', minkejja li offra li jagħmel dan.

Il-Qorti tqis illi f'ċirkostanzi bħal dawn, huwa nieqes l-element tal-pubblikazzjoni tal-kontenut tal-artikolu tal-5 ta' Awwissu 1989. Kieku, għall-kuntrarju, il-konvenut fil-pubblikazzjoni in diżamina, aċċenna espressament għall-kundanna tal-attur permezz tas-sentenza tal-Qorti ta' Cosenza jew ippubblika, billi pprovda aċċess dirett mill-artikolu tiegħu, il-kontenut tar-rapportaġġ fil-gazzetta 'Alternattiva', mingħajr ma jkun għamel ebda referenza għall-eżitu finali tal-proċeduri kriminali, il-pożizzjoni kienet tkun differenti. Dan qed jingħad għaliex jinsab ritenut illi l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' ħtija kriminali ta' persuna, mingħajr il-pubblikazzjoni ulterjuri ta' deċiżjoni li tkun irrevokat dak is-sejbien ta' ħtija, tista' titqies bħala libelluża.

Madanakollu, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma saret l-ebda referenza għal xi dikjarazzjoni tal-ħtija tal-attur. Hu minnu li mill-atti, senjatament id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u mix-xhieda tal-attur, ma jirriżultax li l-istess attur inħeles finalment mill-akkużi minħabba xi intervent politiku iżda unikament bil-ħila tiegħu nnifsu, il-Qorti mkien ma riskontrat xi dikjarazzjoni fl-artikolu impunjat li tinftiehem li l-attur kien ħati li kkommetta r-reat imsemmi fl-artikolu jew li mingħajr dak l-intervent, messu jew kellu jinstab ħati ta' xi reat kriminali; kif ġiet diġa' stabbilit, hija fehmet illi kieku ma kienx għall-intervent politiku li seħħ, l-attur arrestat u akkużat, seta' spiċċa jqatta' diversi snin ġewwa ħabs l-Italja. Jeħtieġ tiġbid mhux ħażin tal-immaġinazzjoni biex din l-istqarrija tinftiehem bħala dikjarazzjoni li l-attur kien effettivament ikkommetta r-reat jew kien ħati tal-akkużi msemmija iżda ġie liberat minħabba intervent politiku ta' Dr. Guido de Marco. Imkien ma jingħad jew jinftiehem li "several years behind bars" huwa referenza għal sentenza effettiva ta' ħabs fuq dikjarazzjoni ta' ħtija.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma illi għalkemm l-istqarrija tal-konvenut fiha nnifisha, tista' oġġettivament titqies li tissodisfa l-kriterju ta' ħsara serja, għaliex saret imputazzjoni li l-attur kien arrestat u akkużat b'reat kriminali, biex stabbilit jekk limputazzjoni effettivament riskontrata hijiex diffamatorja fil-konfront tal-attur, iridu jiġu evalwati l-provi kollha kif ukoll is-siwi o meno tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut kontra l-azzjoni ta' malafama.

Ikkunsidrat;

Mill-provi li ressaq il-konvenut, jirriżulta illi l-istorja tal-arrest tal-attur ġewwa l-Italja f'Diċembru tas-sena 1987 ġiet rapportata l-ewwel darba fil-ġurnal The Times u fil-ħarġa tal-edizzjoni ta' The Sunday Times tas-17 ta' Diċembru 1987, ġie pubblikat artikolu intestat "Dr. J. Brincat MP detained in Italy". Il-konvenut esebixxa diversi

artikoli li kienu ġew pubblikati dak iż-żmien fil-gazzetti lokali b'rabta ma' dan il-każ, fosthom artikolu ppubblikat fl-20 ta' Diċembru 1987 f'The Sunday Times, intestat: "De Marco to seek conditional release for Dr. Brincat". F'dan l-artikolu ġie rapportat: "Ansa the Italian News Agency yesterday reported the arrival in Rome of Dr. Guido De Marco, Deputy Prime Minister and Minister of Justice and the Interior ... Ansa added that his visit is tied to the judicial case involving Labour MP Dr Joe Brincat arrested on December 5th in Maratea." L-istess gazzetta mbagħad tikkwota lil Dr. De Marco jgħid: "I would naturally want to go deeper in the whole thing really stands to at least obtain for the Honourable Dr. Brincat a conditional release to enable him to carry out his functions as member of Parliament in Malta and the Council of Europe. I am convinced that if that happens the Honourable Dr. Brincat will remain at the disposal of the Italian judicial authorities should they decide to have him in Italy."

Sussegwentement, ġie rapportat ukoll fil-ġurnal The Times artiklu bl-isem "Joint bid to obtain Dr. Brincat's release" u artikolu ieħor intestat "Deputy PM hopes for positive results from Rome meeting on Dr. Brincat's case". Eventwalment, ukoll, f'artikolu intestat "Cosenza Court orders immediate release from jail of Dr. Brincat and Shires couple", ġie rapportat ir-ringrazzjament tal-familja tal-attur għallintervent tal-Gvern fost politiċi oħrajn u d-Deputat Prim Minstru Dr. Guido de Marco u "the most responsible manner in which matters were conducted and the genuine assistance given".

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jisħaq illi dak iż-żmien kien ċar li kien hemm intervent politiku tant illi ħaten l-attur, Dr. John Buttigieg, kien mhux biss irringrazzja pubblikament u direttament lil Guido de Marco iżda stqarr ukoll li kieku ma kienx għall-intervent tiegħu u tal-Gvern kieku dan mhux inħeles wara sitta u għoxrin ġurnata iżda kien jinħeles xhur wara. Da parti tiegħu l-attur fix-xhieda tiegħu fisser li l-pubblikazzjoni tal-konvenut hi malafamanti wkoll għaliex "il-motivazzjoni tiegħu tidher li kien attakk personali li ma kienx provokat minn xi fatt illi kellu jurta lill-ġurnalista..." Huwa sostna li l-artikolu kien motivat biex jipprova jkissirlu r-reputazzjoni tajba li jista' jkollu, tant illi anke stieden lin-nies jibaghatulu email biex jibgħatilhom kopja ta' dak li kien ġie pubblikat fil-gazzetta Alternattiva fiż-żmien meta kien arrestat.

Madanakollu, għandu jingħad illi l-element tal-malizzja hija irrelevanti fl-istħarriġ dwar jekk l-imputazzjoni magħmula hijiex diffamatorja u hija relevanti biss għall-fini tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku taħt l-Artiklu 5 tal-Att u d-difiża tad-dikjarazzjoni privileġġjata taħt l-Artikolu 6 tal-Att, purche' ir-rekwiżiti stipolati mil-liġi jiġu sodisfatti. Lanqas m'hi relevanti dak li kellu f'moħħu jew x'kienet l-intenzjoni tal-konvenut meta ppubblika l-istqarrija, biex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni li hija diffamatorja.

Fit-tieni paragrafu tar-Risposta tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li l-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment. Il-Qorti tosserva illi d-difiża ta' fair comment, imqajma espressament mill-konvenut, ma kienetx prospettata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), ġiet kodifikata statutorjament bin-nomenklatura "opinjoni onesta" u tinsab regolata mill-istess kriterji li jsawru d-difiza magħrufa bħala honest opinion fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda għalkemm huma applikabbli ghaliha kriterji iktar wiesa' u liberali minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-fair comment – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat l-interess pubbliku fil-liberta' tal-espressjoni - hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ

fair comment. Kemm hu hekk, dawn iż-żewġ difiżi entrambi jsibu riskontru biss f'każ li l-istqarrija allegatament diffamatorja tikkostitwixxi dikjarazzjoni ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt.

Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "honest opinion":-

"... the common law defence of fair comment has been abolished .... and replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law." [emfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis illi l-opinjoni onesta ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett innovattiv li jikkostitwixxi difiża sostantivament differenti minn dik tal-kumment ġust. Huwa ovvju illi d-difiża ta' opinjoni onesta sostitwiet u kkodifikat dik li qabel kienet tissejjaħ "fair comment" u għalhekk, il-ġustizzja tesiġi li l-eċċezzjoni tal-konvenut ta' "fair comment", inkorporata fit-tielet paragrafu tar-Risposta tiegħu, titqies u tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Jingħad minnufih u bla tlaqliq illi d-dikjarazzjonijiet impunjati mill-attur fl-artikolu in diżamina, dwar l-episodju tal-ħelsien mill-arrest tal-attur, huma dikjarazzjonijiet ta' opinjoni u għalhekk, ir-rekwiżit tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 4(2) huwa sodisfatt. Din il-fehma tinsab rinforzata b'referenza għall-kliem "Brincat may have well spent years behind bars".

In materja, jinsab ritenut illi "A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion, depending on the context. The form on which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive ... Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, if they are in the nature of deductions or conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated"

Tqis ukoll illi d-difiża hija f'lokha anke għall-finijiet tas-subinċiż (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 579, għaliex il-Qorti fehmet li l-attur, bħala l-persuna aggravata, huwa wkoll persuna pubblika entro t-tifsira tal-imsemmi subartikolu. Dan qed jingħad għaliex jirriżulta kjarament illi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, l-attur kien uffiċjal pubbliku bħala membru maħtur mill-Gvern fuq il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji – kif dikjarat fl-artikolu nnifsu – filwaqt li l-pubblikazzjoni in materja tikkonċerna proprju l-kwistjoni ta' governanza tajba li kienet il-mertu tal-ittra ġudizzjarja li ppreżenta l-attur kontra l-istess Awtorita' bi protesta kontra lgolden handshake li skont l-istess attur, sar bi ksur tal-liġi u b'nuqqas ta' governanza tajba da parti tal-pubblika amministrazzjoni. B'żieda mal-premess, huwa inkontestat ukoll li l-attur jipprattika l-professjoni ta' avukat u l-allegazzjonijiet impunjati fl-ittra jikkonċernaw episodju li l-attur kien involut fih minħabba tabilħaqq l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Imbagħad, għall-fini tar-rekwiżit tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579, m'hemmx dubju illi d-dikjazzjoni tal-opinjoni impunjata mill-attur, ċioe' li "had it not been for the late Guido de Marco ... Brincat may have well spent years behind bars", tindika f'termini ġenerali l-bażi tal-istess opinjoni, ċioe' li l-attur kien arrestat "... in Italy and accused of aiding and abetting a client involved in the trade of valuables..."

Għalkemm il-Qorti tosserva illi oġġettivament, kien ikun ferm iktar meqjus kieku l-konvenut irrefera espressament għall-artikoli pubblikati f'The Times f'Diċembru 1987, biex jagħti sfond sod lill-allegazzjoni tiegħu dwar l-intervent politiku fir-rilaxx mill-arrest tal-attur, iżda tenut kont tal-provi li tressqu in sostenn tal-allegazzjoni

magħmula fl-artikolu in diżamina, il-Qorti hija sodisfatta li l-fehma espressa mill-konvenut tissodisfa sija l-ħtiġiet tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 579 kif ukoll hija waħda li persuna onesta setgħet ikollha abbażi tal-pubblikazzjonijiet esebiti fl-atti mill-konvenut, liema pubblikazzjonijiet il-Qorti tqis illi jissodisfaw pjenament il-ħtiġijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 4(4) tal-Kap. 579.

Dan qed jingħad għaliex fil-fehma tal-Qorti l-arrest tal-attur ġewwa l-Italja b'rabta mal-allegat kommissjoni ta' reat kriminali serju, u l-ħelsien tiegħu mill-arrest wara diversi ġimgħat b'allegat intervent politiku, fi żmien meta jirriżulta li l-istess attur kien id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista u Membru Parlamentari tal-Opposizzjoni, oltre li kien ukoll serva bħala l-Ministru tal-Ġustizzja taħt il-Gvern preċedenti, kien bla dubju materja ta' interess pubbliku.

L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku proprju għaliex din il-kwistjoni hija waħda ta' liġi li għandha tiġi deċiża mill-Qorti. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, ilkoll għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku.

Jinsab ritenut illi materji ta' interess pubbliku jikkonċernaw prinċipalment:-

"... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including … activities such as the conduct of government and political life, elections and public administration … [and] more widely … the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure, but excluding matters which are personal and private, such that there is no public interest in their disclosure."

Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, fiż-żmien meta l-attur, li kien mhux biss persuna politika iżda addirittura id-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista fl-Oppożizzjoni, ġie arrestat u akkużat quddiem il-qrati Taljana b'allegat involviment f'reati kriminali serji, il-materja kien bla dubju waħda ta' interess pubbliku ġenerali.

Mhux hekk biss, iżda jirriżulta wkoll illi dak iż-żmien din il-materja kienet ingħatat pubbliċita' wiesa' permezz tar-rapportaġġ kollu li kien sar f'diversi pubblikazzjonijiet fuq il-faċċata ta' gazzetta ewlenija lokali f'Diċembru 1987, liema gazzetta kienet ukoll, kif irrimarka l-konvenut innifsu waqt ix-xhieda tieghu, waħda mill-uniċi gazzetti li kienu jiġu pubblikati fis-snin tmenin, ċioe' fiż-żmien meta l-attur kien għadu arrestat u meta ġie lura Malta wara li ġie meħlus mill-arrest, fosthom l-istqarrijiet pubbliċi ta' ringrazzjament li saru anke minn familjari tal-attur stess, lill-isforzi tal-Gvern u tal-Oppozizzjoni ta' dak iż-żmien.

Dawn l-isforzi, wieħed jista' jifhem mingħajr wisq diffikolta', kienu proprju dawk l-isforzi li saru mill-Ministru tal-Ġustizzja dak iż-żmien, Dr. Guido de Marco, li kien stqarr huwa stess f'artikolu intestat "Dr de Marco to seek conditional release for Dr. Brincat" ippubblikat fil-ġurnal The Times fl-20 ta' Diċembru 1987 (Exhibit 4), fost artikoli oħrajn:- "Steps have already been taken to by the Maltese Government through normal diplomatic channels ... but finding myself now in Italy, I will naturally want to go deeper into howe this really stand in order to obtain at least for the Hon. Brincat, a conditional release ...".

Dr. De Marco ġie rapportat ukoll fl-istess artikolu, jgħid hekk:- "But I am certain we must press to know the circumstances of this case and in particular to clarify the fact that the Hon. Brincat, without having been formally accused, finds himself in a state of arrest since December 5."

Dawn l-isforzi biex isir intervent politiku ghall-ħelsien mill-arrest tal-attur kienu ġew riaffermati wkoll minn Dr. John Buttigieg, ħaten l-attur, li kien stqarr waqt konferenza stampa rapportata fil-ġurnal The Times fit-18 ta' Diċembru 1987 (Exhibit 2) f'artikolu intestat "Joint Bid to Obtain Dr. Brincat's Release" illi "both the Government and the Opposition were working hand in hand so that the posistion of Dr. Brincat would be explained to the competent Italian authorities so that he could be released as soon as possible."

Kemm hu hekk, huwa affermat mir-rapportaġġ fl-artikolu li deher fil-ġurnal The Times fit-23 ta' Diċembru 1987 (Exhibit 6), illi effettivament, skont kif ġie dikjarat mill-konveut fl-artikolu impunjat, kienet inżammet laqgħa bejn Dr. Guido de Marco u l-Ministru Taljan għall-Ġustizzja, Sig. Giuliano Vassalli, fejn ġie diskuss fost materji oħrajn, il-każ tal-arrest tal-attur ġewwa l-Italja, liema laqgħa Dr. De Marco ġie rapportat jgħid "proved to be very useful and one hoped to see positive results" kif ukoll li kien sar "note verbal to the Italian authorities in the sens that the Maltese Government was prepared to guarantee the presence of Dr. Brincat in Italy anytime if such presence was needed by the Italian juridical (sic. Judicial) authorities."

Il-fatt li jirriżulta mill-provi miġjuba f'din il-kawża illi l-attur inħeles mill-arrest fuq deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Cosenza fit-28 ta' Diċembru 1987 u illi seba' snin wara, il-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro iddikjarat li l-attur ma kkommetta l-ebda reat kriminali, m'huwiex biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex ixejjen il-prominenza li kienet ingħatat fil-ġurnali lokali lill-interventi politiċi intensivi li saru sabiex jinkiseb ir-rilaxx mill-arrest tal-attur, il-garanziji offruti mill-Gvern Malti biex tiġi assikurata l-presenza tal-attur quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji ġewwa lItalja jekk dan kien ikun meħtieġ fil-futur u fuq kollox, ir-ringrazzjamenti pubbliċi minn membri tal-Gvern u tal-Opposizzjoni għall-assistenza mogħtija fir-rigward, senjatament, l-istqarrija ta' Dr. John Buttigieg li "Asked whether he felt that political pressure from Malta helped to speed up Dr. Brincat's release, Dr. Buttigieg said he felt the issue would probably have been resolved just the same with the difference that Dr. Brincat would probably have spent six months instead of 23 days, in prison". (emfasi tal-Qorti)

Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti li l-istqarrija tal-konvenut li jekk mhux għall-intervent ta' Dr. Guido de Marco kien hemm il-prospett li l-attur seta' jqatta' żmien twil detenut ġewwa l-ħabs, hija dikjarazzjoni ta' opinjoni li hija ġustifikata u li persuna onesta setgħet ikollha abbażi ta' dak kollu li kien ġiw rapportat bħala fatt fid-dikjarazzjonijiet privileġġjati konsistenti fil-pubblikazzjonijiet li kienu saru f'The Times u The Sunday Times dwar il-materja fiż-żmien meta din seħħet.

Huwa minnu illi l-konvenut fl-artikolu impunjat, biex jesprimi l-fehma tiegħu li l-attur seta' qatta' ħafna żmien il-ħabs kieku mhux għall-intervent politku ta' Dr. Guido de Marco, uża l-kliem "several years behind bars", meta jirriżulta illi effettivament, il-kelma użata minn ħaten l-attur fl-artikolu tad-29 ta' Diċembru 1987 kienet "six months". Iżda hija l-fehma tal-Qorti illi biex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni diffamatorja, għandha tinqara u tinftiehem fl-assjem tagħha u mhux b'mod spezzettat b'emfasi fuq kelma waħda minflok oħra fejn din ma tkunx ingħatat xi prominenza fil-pubblikazzjoni nnifisha. Barra minn hekk, huwa evidenti li l-attur ħassu aggravat bl-implikazzjoni li xi ħadd kellu jirranġalu biex jinħeles mill-akkużi kriminali miġjuba kontrih, anzicche' bl-użu ta' dik il-kliem "several years".

B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis illi għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta, mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verita` sostanzjali ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni u huwa biżżejjed biex jingħata sostenn fattwali suffiċjenti lill-kumment tal-konvenut. Kwantu għar-rekwiżit (ċ) tad-difiża tal-opinjoni onesta,

hija tabilħaqq il-fehma ta' Collins illi m'huwiex daqstant relevanti li fl-istqarrija impunjata il-konvenut ikun "misstated one of the foundational facts", anke jekk persuna onesta setgħet ifformat opinjoni differenti kieku ġiet informata bil-fatti kollha li kienu magħrufin lill-konvenut : huwa biżżejjed li l-opinjoni tkun ġiet ibbażata fuq xi materja affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata u li persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tal-fehma tal-konvenut fil-pubblikazzjoni tiegħu.

Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li:- "The section 3 defence [lekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) ... liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions …" .

Kif ingħad diġa', ir-rapportaġġ li kien sar fil-pubblikazzjonijiet f'The Times u The Sunday Times jikkostitwixxi rapportaġġ dwar fatti konċernanti materja ta' interess pubbliku u konsegwentement, jipprovdi bażi tajba għall-fini tal-opinjoni tal-konvenut

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut hija tajba u mistħoqqa u sejra tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat;
Illi in konklużjoni, il-Qorti tqis li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Jirriżulta illi meta l-artikolu li saret referenza għalih mill-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, ġie pubblikat fil-gazzetta Alternattiva fil-5 ta' Awwissu 1989, l-appell talattur mis-sentenza tal-Qorti ta' Scalea kien għadu pendenti u ma kienx għadu deċiż mill-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro. Fil-fatt, il-gazzetta L-Alternattiva għamlet referenza espressa għall-fatt illi minn din is-sentenza ġie interpost appell minn Dr. Joe Brincat, li jfisser li l-każ kien għadu mhux deċiż b'mod definittiv.

Il-Qorti fehmet illi meta l-konvenut ippubblika l-artikolu impunjat f'din il-kawża fuq is-sit elettroniku Maltatoday fit-23 ta' Settembru 2019, messu kien ovvju għalih li wara li għaddew kważi tletin sena, dak l-appell kien inqata' b'xi mod jew ieħor.

Huwa minnu illi filwaqt li t-traskuraġni u n-nuqqas ta' razzjonalita' fil-pubblikazzjonijiet u n-nuqqas li jittieħdu passi biex tiġi affermata l-veraċita' jew korrettezza ta' allegazzjonijiet diffamatorji, huwa aġir kundanabbli, dan ma jsarrafx neċessarjament f'intenzjoni ħażina jew malizzjuża; iżda fejn jintwera li ma jkunux saru indaġnijiet ulterjuri deliberatament biex jiġi evitat li tiġi stabbilita l-verita', jista' jiġi riskontrat l-animu malizzjuż fejn dan ikun ammissibbli bħala prova biex titwaqqa' difiża f'dawk il-każijiet speċifiċi maħsuba mil-ligi. F'kull każ iżda, il-Qorti tqis li l-ġornalist għandu dmir essenzjali li jfittex u jagħmel verifiki serji, diliġenti u kompluti dwar il-fatti qabel jippubblika stqarrijiet anke dawk li jikkostitwixxu dikjarazzjonijiet ta' opinjoni.

Fil-każ in diżamina, ma ġiex sodisfacjentement ippruvat illi l-konvenut kien effettivament konsapevoli tal-eżitu tal-appell li kien interpona l-attur mis-sentenza rapportata fil-harġa tal-gazzetta 'Alternattiva', jew li naqas b'mod deliberat milli jirriċerka l-eżitu tal-appell, u fi kwalsiasi każ, kif diġa' stabbilit, intwera li l-istqarrija tiegħu tissodisfa r-rekwiżiti kollha għas-suċċess tal-difiża tal-opinjoni onesta. Madanakollu, fl-istess waqt, xejn ma kien josta li, wara li l-attur bagħtlu link ghaddeċizjoni tal-Kummissjoni Ewropeja tal-4 ta' Marzu 1998 - li fiha akkont konċiż u sekwenzjali tal-iter tal-proċess kriminali kontra l-attur quddiem il-Qrati Taljani kif ukoll referenza ċara u espressa għall-eżitu finali tal-proċeduri kontra l-attur bis-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1994 li ddeċidiet li l-attur ma kien ikkommetta l-ebda

reat kriminali - il-konvenut jaġġorna l-istqarrija tiegħu abbażi tal-fatti li rriżultaw minn dik is-sentenza.

Madanakollu, minkejja li l-konvenut seta' naqas minn din il-perspettiva, dan ma jista' jibdel xejn mill-konklużjoni tal-Qorti illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut, impunjata mill-attur, tikkwalifika bħala opinjoni onesta a tenur tal-Artiklu 4(2) tal-Kap. 579."

## Ikkunsidrat;

Dan huwa appell wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati dwar allegata malafama sofferta mill-attur appellant minħabba publikazzjoni tal-kovenut appellat. Il-publikazzjoni impunjata kienet parti minn artikolu itwal, u taqra hekk :

> "*Even Delia should be careful about lauding Brincat on the thorny issue of good governance. He should not forget that Brincat had been arrested in Italy and accused of aiding and abetting a client involved in the trade of valuables: had it not been for the late Guido de Marco (father of Mario) – who was PN justice minister at the time and enjoyed cosy relations with his Italian counterpart – Brincat may well have spent years behind bars. It was a riveting story that made the front-page of defunct newspaper Alternattiva, alas not one to have reached the internet years, but anyone interested in receiving a copy can send me an email.*"

L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni li din il-publikazzjoni mhijiex malafamanti primarjament għaliex ikkonsidrat li peress li l-appellat kien qiegħed jirraporta a bażi ta' publikazzjoni preċedenti il-kitba tiegħu hija protetta bħala opinjoni onesta ibbażata fuq dikjarazzjoni privileġġata bis-saħħa tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:
> (a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;
> (b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;
> (ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –
> (i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew
> (ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment."

Id-dikjarazzjoni privileġġjata li għaliha jagħmel referenza l-paragrafu (ċ) (ii) hija mbagħad definita fir-raba' sub-inċiż tal-istess artikolu li jipprovdi li:

> "Għall-finijiet tas-subartikolu (2) dikjarazzjoni hija "dikjarazzjoni privileġġjata" jekk il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni tagħha tista' turi bħala difiża għaliha li –
> (a) il-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku li tkun diġà ngħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira f'medium stabbilit; jew

(b) il-pubblikazzjoni hija dikjarazzjoni evalwata minn persuni oħra fil-qasam xjentifiku jew akkademiku; jew
(ċ) il-pubblikazzjoni hija rapport ta' proċeduri fil-qorti protetti bi privileġġ assolut skont l-artikolu 7."

Il-Qorti tosserva li skont il-liġi mhijiex kwalunkwe persuna li tista' tuża d-difiża ta' opinjoni onesta bbażata fuq dikjarazzjoni privileġġata. Il-leġislatur kwalifika l-persuna li għalija tapplika din id-difiża speċifika bħala "persuna onesta." Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-leġislatur intenda li jeħtieġ li jkun hemm element ta' buona fede minn naħa tal-konvenut sabiex ikun jista' jirnexxi f'din id-difiża. Wara kollox, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-Istat għandu l-obbligu li jipproteġi kemm il-liberta tal-espressjoni u kif ukoll id-dritt għar-reputazzjoni, u għalhekk id-difiżi kontemplati fil-liġi tabilfors iridu jkunu tali li jippermettu lil Qorti tagħmel il-bilanċ neċessarju bejn id-drittijiet involuti.

Il-Qorti rat li d-dikjarazzjonijiet privileġġati li fuqhom jibbaża d-difiża tiegħu l-appellat imorru lura għas-snin tmenin. Dak iż-żmien il-każ tal-appellant kien għadu jibda. Għalhekk meta l-appellat irraporta fuq il-gazzetta "Alternattiva" fis-snin tmenin a bażi ta' dak li kien qiegħed jiġi rraportat fil-gazzetti u l-medja Taljani u dokumenti ġudizzjarji li kien ottjena huwa ċar li l-appellat kien qiegħed jirraporta l-opinjoni onesta tiegħu in buona fede a bażi ta' dikjarazzjonijiet privileġgati dwar il-każ tal-appellant. Fil-fehma tal-Qorti pero din id-difiża ta' opinjoni onesta ma tistax tipproteġi l-kitba tal-appellat dwar il-każ li qed tiġi impunjata f'dawn il-proċeduri. Din il-publikazzjoni saret fl-2019 u ċioe aktar minn tletin sena wara li beda l-każ tal-appellant u ġew ippubblikati d-dikjarazzjonijiet privileġġati imsemmija.

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiż-żmien meta kien ġie arrestat l-appellant fis-snin tmenin kien ġie rraportat li politiċi Maltin kienu ser jipprovaw jottjenu r-rilaxx tal-appellant permezz ta' intervent politiku. Jirriżulta pero minn dokumenti pubbliċi, ossia deċiżjonijiet ġudizzjarji, li l-appellant kien ġie rilaxxat mhux wara xi ftehim politiku, iżda għaliex fit-28 ta' Diċembru 1987 il-Qorti Distrettwali ta' Cosenza kienet ordnat il-ħelsien immedjat tal-appellant wara li sabet li ma kienx hemm biżżejjed provi kontra tiegħu. Din id-deċiżjoni kienet ġiet appellata mill-prosekutur, iżda l-Qorti ta' Kassazzjoni kienet ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Cosenza fl-24 ta' Settembru 1992.

Dan l-arrest tal-appellant kien evenwalment ġie dikjarat leżiv tad-drittijiet fondamentali tiegħu permezz ta' sentenza tal-Qorti Ewropea datat 26 ta' Novembru 1992.

Jirriżulta wkoll li għalkemm l-appellant kien inizjalment instab ħati ta' riċettazzjoni u kkundannat għal erba' xhur ħabs sospiżi, dan is-sejbien ta' ħtija kien ġie revokat mill-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro fil-21 ta' Marzu 1991, u l-appellant kien ġie mixli minflok fuq akkuża li kien aċċessorju għal reat ta' kontrabandu. Sussegwentement, fid-19 ta' Ottubru 1994 il-Qorti tal-Appell ta' Catanzaro illiberat lill-appellant mill-akkuża dedotta kontra tiegħu, wara li sabet li ma kien hemm l-ebda kontrabandu li għalih l-appellant seta' jkun aċċessorju. L-appellant kien imbagħad intavola proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea, u fl-4 ta' Marzu 1998 l-Qorti Ewropea sabet lill-Istat Taljan responsabbli ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-appellant minħabba dewmien irraġonevoli fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu.

Dan ifisser għalhekk li sa ċirka ħdax -il sena wara l-arrest tiegħu, u għoxrin sena qabel il-publikazzjoni tal-publikazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, l-appellant kien ġie liberat minn kull akkuża dedotta kontra tiegħu, u kemm l-arrest tiegħu u kif ukoll il-proċeduri kriminali kien ġew dikjarati leżivi tad-drittijiet fondamentali tiegħu. L-ebda aċċenn għal dan pero ma sar mill-appellat, li llimita ruħu li jagħti opinjoni bbażata fuq artikoli ppublikati xi tletin sena qabel.

L-appellat kellu kull dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatt li politiċi Maltin intervjenew, jew pruvaw jintervjenu, fis-sitwazzjoni tal-appellant, u kellu kull dritt li jfakkar lill-pubbliku li l-appellant kien ġie mixli bil-kommissjoni ta' reati fl-Italja waqt li kien Deputat Mexxej tal-Opposizzjoni, u jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar kif skont hu dan jaffetwa l-idonjeta tal-appellat biex jitkellem dwar governanza tajba sal-llum il-ġurnata. Pero fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-appellat ma kellux dritt jikteb li l-appellant kien jispicca jqatta' snin il-ħabs li kieku ma kienx għal intervent politiku. L-appellat ma jistgħax jinħeba wara publikazzjoni ta' tletin sena ilu u jippretendi li ma kellu l-ebda obbligu li jivverifika x'kien ġara mill-każ, għaliex ma jeħtieġ l-ebda tiġbid tal-imaġinazzjoni minn naħa tal-appellat biex jasal għall-konklużjoni li tletin sena wara l-publikazzjoni li kien qed jibbaża ruħu fuqha, seta' kien hemm xi żviluppi fil-każ tal-appellant.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pederson and Baadsgaard vs Denmark** (QEDB, 17/12/2004) fejn ġie spjegat illi:

> "*even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive*.
> […]
> The Court observes in this connection that protection of the right of journalists to impart information on issues of general interest requires that they should act in good faith and on an accurate factual basis and provide "reliable and precise" information in accordance with the ethics of journalism (see, for example, *Fressoz and Roire*, § 54, Bladet Tromsø *and Stensaas*, § 58, and *Prager and Oberschlick*, pp. 18-19, § 37, all cited above). Under the terms of paragraph 2 of Article 10 of the Convention, freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. Moreover, these "duties and responsibilities" are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others"."

Il-Qorti tosserva li ġaladarba l-appellant kien ingħata l-ħelsien mill-arrest bis-saħħa ta' deċiżjoni ġudizzjarja li kienet sussegwentement ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana ma jistgħax jingħad li l-opinjoni tal-appellat li l-appellant kien jispiċċa jqatta' snin il-ħabs li kieku ma kienx għall-intervent politiku kienet ibbażata fuq "*a sufficient factual basis to support it."* Il-fatt li l-appellant kien ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Qorti jeskludi manifestament li l-appellant kien ħareġ mill-ħabs grazzi għal xi ftehim politiku ottenut wara l-intervent ta' politiċi Maltin.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata għaliex ma ħaditx biżżejjed qies tal-fatt li f'dan il-każ id-dikjarazzjoni privileġġata li fuqha kien qiegħed jistrieħ l-appellat kienet saret ċirka tletin sena qabel l-artikolu tiegħu. Ġaladarba kien għadda daqstant żmien mid-dikjarazzjoni privileġġata in kwistjoni, l-appellat kellu d-dmir li jivverifika x'kien ġara mill-każ għaliex, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Bedat vs Switzerland** (QEDB, 29/03/2016)

> "…*the protection afforded by Article 10 of the Convention to journalists is subject to the proviso that they act in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the tenets of responsible journalism*."[1]

[1] Ara wkoll **Balaskas vs Greece** (QEDB, 05/11/2020): "*The Court emphasises at the outset the importance that it attaches to journalists' assumption of their duties and responsibilities, and to the ethical principles governing their profession. In this connection, it reiterates that Article 10 protects journalists' right to divulge information on issues of general interest provided that they are acting in good faith and on an accurate factual basis and provide "reliable and precise" information in accordance with the ethics of journalism…*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li l-appellat irrifjuta li jippublika kjarifika wara li l-appellant ġab a konjizzjoni tiegħu il-fatt li hu kien ġie meħlus mill-arrest u misjub mhux ħati permezz ta' sentenzi tal-Qorti jkompli jikkonferma n-nuqqas ta' buona fede minn naħa tal-appellat. Dan ir-rifjut da parti tal-appellat juri li l-appellat ftit li xejn kellu interess li jesprimi opinjoni onesta fil-qafas ta' ġurnaliżmu responsabbli, iżda ried biss jinsinwa verżjoni ta' fatti li kienet l-iktar vantaġġuża għall-punt li ried jagħmel fl-artikolu tiegħu, anke jekk din kienet kontradetta minn fatti li jirriżultaw minn deċiżjonijiet ġudizzjarji. Kif diġa ingħad l-appellat kellu kull dritt li jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatt li l-appellant kien ġie mixli bil-kommissjoni ta' reati u kif dan jaffetwa l-kredibilita tiegħu f'materja ta' governanza tajba, iżda ma kellu l-ebda dritt li jimplika li l-appellant kien ħeles minn snin ta' ħabs minħabba xi maniġġi politiċi meta seta' faċilment isir jaf li l-appellant kien inħeles mill-ħabs u kien instab mhux ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu dejjem bis-saħħa ta' sentenzi ġudizzjarji.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-attur huwa fondat u qiegħed jiġi milqugħ.

Minn dan isegwi li jeħtieġ li jiġu likwidati d-danni dovuti lill-appellant. Fil-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

i. Il-fatti li l-appellat ma eżerċitax id-diliġenza mitluba qabel ma ppublika d-dikjarazzjoni impunjata, u anke fix-xhieda tiegħu baqa' jinsisti li ma kellu l-ebda obbligu li jivverifika l-fatti li fuqhom kien qiegħed jibbaża l-opinjoni li esprima fl-artikolu in kwistjoni;

ii. Il-fatt li l-appellat irrifjuta li jippublika kjarifika wara li l-appellant ġibed l-attenzjoni tiegħu għall-fatt li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest u kien ġie misjub mhux ħati permezz ta' sentenzi ġudizzjarji;

iii. Il-fatt li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li l-publikazzjoni impunjata effettivament ikkaġunat ħsara lir-reputazzjoni tiegħu;

iv. L-impatt li s-somma akkordata minn din il-Qorti jista' jkollha fuq is-sit elettroniku u l-ġurnalist, u l-importanza li s-sentenza tal-Qorti ma jkollhiex l-hekk imsejjaħ "*chilling effect"* fuq il-ġurnaliżmu.

Meħud dawn il-fatturi kollha in konsiderazzjoni, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-appellat għandu jħallas lill-appellant is-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala danni morali għall-malafama sofferta mill-appellant.

Fir-rigward tat-talba tal-appellant li din il-Qorti tordna l-publikazzjoni tas-sunt ta' din is-sentenza, il-Qorti tosserva li l-appellant ma kienx għamel din it-talba fl-Avviż promotur preżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Għaldaqstant il-Qorti tqis li din it-talba, magħmula biss fl-istadju tal-appell, ma tistax tiġi milqugħa minn din il-Qorti.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attur appellant, tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attriċi billi tiddikjara li l-pubblikazzjoni impunjata hija libelluża fil-konfront tal-attur u tordna lill-appellat iħallas lill-appellant is-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala danni morali għall-malafama, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenut appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur